**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Jannar 2025**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 706/2019 JVC**

**Anthony Aquilina (ID 307246M), Marlene Debattista (ID 956050M) u Juliette Falzon (ID 388544M)**

**vs**

**Carmel Aquilina (ID 529754M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Anthony Aquilina et talbu kif isegwi:

'1. Illi l-kontendenti huma ko-propjetarji tal-fond ossija **dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem Sinai fi Triq Joe Sciberras ġia Triq Mountbatten il-Ħamrun** u dana fis-segwenti kwoti:

(i) L-esponenti Anthony Aquilina terz (1/3);

(ii) L-esponenti Marlene Debattista sest (1/6);

(iii) L-esponenti Juliette Falzon terz u (1/3);

(iv) L-intimat Carmel Aquilina sest (1/6);

2. Illi l-fond fuq imsemmi ma jistax jiġi maqsum bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, għalhekk skont id-dispost ta ' artikolu 515 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jinbiegħ sabiex ir-rikavat jinqasam skont il-kontendenti skont is-sehem rispettiv tagħhom;

3. Illi l-intimat interpellat sabiex jersaq għall-bejgħ u/jew divizjoni tal-istess proprjeta' baqa' inadempjenti;

4. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jitolbu sabiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond imsemmi, ossia d-dar bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem Sinai fi Triq Joe Sciberras ġia Triq Mountbatten il-Ħamrun previa n-nomina ta' perit biex jistma l-istess fond, bl-eskluzjoni ta' oblaturi estraneji u

2. Konsegwentement, tordna illi l-prezz tal-fond meta jiġi mibjugħ jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut minn issa ngunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel Aquilina li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jidher ċar mir-rikors ġuramentat illi din il-kawża titratta talba għal bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond bin-numru tnejn u disgħin (92), bl-isem 'Sinai' fi Triq Joe Sciberras ġia Triq Mountbatten il-Ħamrun, kopja tal-pjanta ta' liema proprjeta' immobbli qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. A, flimkien ma' kopja tar-rapport ta' valutazzjoni tal-istess proprjeta' tal-Perit Michael Camilleri datat 22 ta' Settembru 2020 anness u mmarkat Dok. B;

2. Illi ma huwiex ikkontestat li s-sehem tal-intimat bħala komproprjetarju tal-fond surreferut huwa ta' sest (1/6), hekk kif ġie indikat fir-rikors promotur;

3. Illi lanqas ma huwa kkontestat il-fatt li l-fond *de quo* ma jistax jiġi maqsum bla xkiel u bla ħsara, u li ma tistax issir tpattija

b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, u għalhekk għal kull buon fini qiegħed jiġi rilevat illi l-intimat jaqbel mat-talba biex il-fond jinbiegħ b'liċitazzjoni u li l-prezz tiegħu jinqasam skont is-sehem rispettiv a tenur ta' artikolu 515 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi f'kull każ, l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri stante illi huwa dejjem kien dispost sabiex jersaq għall-bejgħ tal-fond surreferut, ħaġa li ma saritx unikament minħabba l-intransiġenza tal-atturi, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjui.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi, li qegħdin jiġu minn issa nġunti in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal datat 8 ta' Frar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta ' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha inkluz l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi skont il-verbal tas-17 ta' Novembru 2022, il-provi kollha mressqa fil-kawza 509/19 iservu anke ghall-kawza odjerna.

Rat l-atti tal-kawza annessa.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tlett kontendenti r-rikorrenti Anthony Aquilina, Marlene Debattista u Juliette Falzon u l-intimat Carmel Aquilina huma ahwa wlied il-mejtin Paul Aquilina u martu Josephine xebba Mallia.

Permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitlobu li l-Qorti tordna l-bejgħ b'licitazzjoni tal-fond bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem Sinai fi Triq Joe Sciberras ġia Triq Mountbatten il-Ħamrun previa n-nomina ta' perit biex jistma l-istess fond, bl-eskluzjoni ta ' oblaturi estraneji u li l-prezz tal-fond kif mibjugh jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom.

L-intimat la jikkontesta l-kwoti ta' kompropjeta' specifikati u wisq anqas ma jikkontesta li l-fond ma hux komodament divisibbli filwaqt lijaqbel li l-fond jinbiegh b'licitazzjoni stante li lanqas ma huwa possibli li ssir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda tal-istess valur. Jikkontesta pero' l-valur shih tal-immobbli, u jipprovdi valutazzjoni alternattiva tal-Perit Arkitett Michael Camilleri vevrsu l-pezz ta' tlett mija u hamsa u tlettin elf ewro (€335,000)[1], u kif ukoll jikkontesta l-eskluzjoni ta 'oblaturi estraneji mill-bejgh b'licitazzjoni.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Anthony Aquilina**[2] fejn jispjega illi missieru Paul Aquilina miet fil-21 ta' Frar tas-sena 2007 filwaqt li

---

[1] a fol. 32 tal-process
[2] a fol.35 tal-process

ommu mietet fit-13 ta' Ottubru 2001 u li huma kienu s-sidien f'ismha indaqs bejniethom tal-fond Sinai, 92, Triq Joe Sciberras, Hamrun. Jghid li skont it-testment taghhom il-propjeta' thalliet lilu u lil hutu r-rikorrenti Marlene u Juliette peress li matul hajjithom huma kienu diga' ghaddew b'donazzjoni *garage* lil huhom l-intimat Carmel Aquilina. Jinnota li meta wara l-mewt ta' ommu, ohtu Marlene kienet bieghet is-sehem li wirtet minghand ommha lil huha Carmel Aquilina u ghalhekk hu illum kompropjetarju ta' sest (1/6) indiviż. Jghid li hu u ohtu Juliette ghandhom 1/3 indiviz kull wiehed filwaqt li ohtu Marlene ghandha 1/6 indiviz. Jispjega li missieru miet fl-2007 u li l-fond kien ilu battal madwar erbgha jew hames snin sa minn meta missieru mar jghix Villa Messina fir-Rabat. Jinnota wkoll li hu u hutu Marlene u Juliette dejjem xtaqu jbieghu l-fond u jaqsmu r-rikavat skont is-sehem taghhom pero huhom Carmel, minkejja li kien jaqbel li l-post jinbiegh, meta l-agenzija REMAX sabet potenzjal akkwirent ghall-prezz ta' €300,000 huwa biddel fehmtu u ma riedx ibiegh. Jghid ukoll li meta l-post kien qed jigi reklamat ghall-bejgh huwa kien wahhal it-tabelli 'FOR SALE' mal-gallarija u l-intimat qalghahom. Izid ukoll li hu u hutu r-rikorrenti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza ghax skonthu l-intimat biss sab oggezzjoni li tinbiegh il-propjeta' u kien biss fir-risposta ghal din il-kawza li ddikjara li jaqbel li l-propjeta' tinbiegh.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Marlene Debattista**[3] li tikkonferma li ommha u missierha kienu l-propjetarji tal-fond 'Sinai', 92, Triq Joe Sciberras, Hamrun. Tghid li zewgha miet fis-29 ta' Mejju 2004 u li f'dan il-perjodu hi ma kellhiex bizzejjed flus sabiex thallas id-denunzja ta' ommha li mietet fit-13 ta' Ottubru tas-sena 2001 u li huha Carmel offra li jixtri s-sehem li kienet wirtet minghand ommha sabiex b'hekk tkun f'pozizzjoni li thallas is-successjoni. Izzid li kien ghalhekk li hi u huha Carmel iffirmaw kuntratt datat

[3] a fol.36~~5~~ tal-process

11 ta' Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Felice permezz ta' liema hi trasferiet is-sehem taghha mill-wirt lil huha. Tispjega ulterjorment li meta miet missieha hi u hutha Juliette u Anthony xtaqu jbieghu l-propjeta' pero l-intimat baqa' jirrifjuta u jhasrilhom il-pjanijiet. Tinnota li meta huha Anthony sab bejgh mal-agenti tas-socjeta' Remax ghal prezz ta' €300,000, u ghalkemm inizjament kien qabel, meta waslu ghall-ftehim l-intimat biddel fehmtu. In kontro-ezami[4] tikkonferma li kien l-intimat li avvicinha sabiex jixtri sehma mill-wirt.

Rat l-affidavit u x-xhieda ta' **Carmel Aquilina** u d-dokumenti esebiti. Jispjega li kienet ohtu r-rikorrenti Marlene Debattista li talbitu jixtri s-sehem taghha mill-wirt t'ommha. Jghid li kien biss meta ra l-*causa mortis* u l-kopja tat-testment tal-genituri tieghu li sar jaf li huwa kien eskluz mill-wirt u li kien biss meta qal lil ohtu u lill-zewgha li ma kienx se jaccetta l-wirt li ohtu offrietlu sehemha, liema offerta huwa kien irrifjuta. Izid li wara l-mewt ta' zewgha, ohtu regghet offrietlu li tbieghlu sehemha mill-wirt t'ommha u li kien accetta li jixtri dan sabiex jghinha finanzjarjament. Jinnota li meta miet missieru fl-2007 huwa kien induna li nbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra u meta talab lil hutu kopja tac-cavetta huma rrifjutaw, u kien biss sentejn wara li nghata kopja tac-cavetta. Izid li meta acceda ghal post innota li kien tnehha l-meter tal-elettriku u l-ilma u dan minghajr il-kunsens tieghu. Jinnota li maz-zmien tnehhew ukoll affarijiet ohra mid-dar. Izid li fl-ebda hin ma kien ikkonsultat fuq tali tnehhija ta' oggetti. Fl-2011 innota li kien hemm tabella li tindika li l-post kien ghall-bejgh, minkejja li qatt ma kien ikkonsultat. Izid li hutu r-rikorrenti Anthony u Juliette saru jafu biss bis-sehem li hu kien akkwista minghand ohthom Marlene wara l-mewt ta' missieru fl- 2007. Jghid li darba kien cempillu *manager* ta ' Remax Gzira li kien staqsih hux lest li jbiegh il-fond in kwistjoni.

[4] a fol. 44 tal-process

Jghid li huwa kien irrisponda fl-affermattiv izda qallu li kien hemm proceduri legali dwarha.  Izid ukoll li hu kien kellem tlett minn nies ohra dwar il-bejgh tad-dar. Jispjega li huwa kien dejjem jaghti n-numru ta' huh bhala kuntatt. Jghid illi dwar l-offerti li kienu saru lir-rikorrenti hutu huwa qatt ma kien sema' xejn, ghajr ghall-ircevuta ta' offerta tramite ittra ta' avukat. Jinnota li hu qatt ma wera' oggezzjoni li d-dar tinbiegh izda qatt ma kien ikkonsultat fuq il-bejgh tad-dar jew il-valur taghha.

Illi l-kawza odjerna giet intavolata ai termini tal-Artikolu 515 et seq tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta 'Malta) liema artikoli jitrattaw il-bejgh b'licitazzjoni. L-Artikolu 515 citat, jipprovdi illi:

> '(1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta ' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.
>
> (2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tieħu.'

Illi skont l-Artikolu 518 (1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta 'Malta), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, m'hija mehtiega l-ebda formalita' u tista 'ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta 'liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f'idejn il-Qorti.

Illi dwar l-immobbli ndikat fil-paragrafi precedenti huwa car, u infatti mhux kontestat li dan m'huwiex komodament divizibbli bla

xkiel u bla hsara u lanqas m'huwa possibbli li ssir xi forma ta ' tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta  differenti izda tal-istess valur. L-istess ikkonfermaw ir-rapporti tal-Periti fl-atti.  In vista ta' dan, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis il-fond bhala wiehed li mhux komodament divizibbli. Ghalhekk fic- cirkostanzi l-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tordna l-bejgh bil-licitazzjoni kif ser jigi ndikat fil-paragrafi segwenti ai termini tal- Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta 'Malta.

Illi permezz ta' digriet ta 'din il-Qorti hekk kif preseduta tal-15 ta ' April, 2021 l-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Grech sabiex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar il-valur tal-proprjeta'. Illi fir-rapport esebit a fol. 65 et seq tal-process (fil-kawza bin-numru 509/19JVC), il-Perit Joseph Grech wara li ra diversi fatturi fil-proprjeta' ivvaluta l-fond ghall-valur ta' tlett mitt elf ewro (€300,000). Din il-Qorti sejra tikkwota ad verbatim mir-rapport peritali l-parti ndikata bhala 'Deskrizzjoni tal-Proprjeta 'minn fejn jirrizulta l-fatturi kollha li huwa ha in konsiderazzjoni meta gie sabiex jistabbilixxi l-valur tal-fond:

> **<u>'Deskrizzjoni tal-Proprjeta</u>**
>
> Il-fond jikkonsisti f'mezzanin li jinsab hekk kif indikat bl-ahmar fis-site plan annessa bhala Dok JG01; fit-tieni sular ( first floor) sovrapost ghal propijeta ta 'terzi u jinkludi l-arja tieghu u ghandu kejl supeficcjali ta' madwar 134 metru kwadru (ara wkoll ritratt Dok JG02).
>
> Il-fond huwa mqassam hekk kif jidher fl-iskizz anness bhala Dok JG03 u jinkludi tromba tat-tarag li mil-livell tat-triq twassal ghas-sular li fih jinsab il-mezzanin.

L-esponent jinnota li din it-tromba hija ta' qies kemmxejn ristrett u ma tistax takkomoda 'lift' li jkun jista' jaghti access komdu mill-pjan terran ghal-livelli sovrastanti. Lesponent ha konjizzjoni ta' dan il-fatt fil-valutazzjoni.

Il-fond illum jinsab battal, fi stat strutturali li huwa generalment saghan ghajr ghal difetti fil-konkos minhabba dhul ta! ilma li wassal ghal xpakkar tax-xibka (spalling) (ara ritratti Dok JG04 u Dok JG05). Altrimenti wiehed jista ' jikkonsidra li l-fond huwa teknikament abitabbli ghajr li l-'finishes 'huma antiki u l-esponent huwa ta' l-opinjoni li fil-maggorparti taghhom ikollhom bzonn jinbidlu kif deskritt aktar tard fir-rapport.

L-esponent huwa tal-fehma li ;-valur propju tal-fond huwa dipendenti minn dak li jista' jigi akkommodat fl-ispazzju okkupat mill-fond u dak li jista' jigi zviluppat fl-arja li hija parti mill-proprjeta. Cioe il-valur tal-proprjeta ghandu jigi kkunsidrat skont il-potenzjal ta' 'redevelopment' u dan il-potenzjal m huwiex l-istess llum bhal dak li kien fl-2007. Ghaldaqstant l-esponenti qieghed johrog zewg valutazzjonijiet separati li jiddependu mill-fatturi hekk kif deskritt f kull istanza.

**<u>Valutazzjoni Frar 2007</u>**

- Il-fond per se, b'numru ta 'alterazzjonijiet u tibdiliet strutturali, dejjem seta' jigi rrangat b'tali mod li jakkomoda appartament bi tliet kmamar tas-sodda.

- Il-probbabilta′ hija li dak iz-zmien il-fond kien mizmum ahjar u fi stat strutturalment aktar saghan u ghaldaqstant minghajr hsarat. Jigifieri b′interventi adekwati fuq il - ‘finishes' inkluz potenzjalment it-tibdil komprensiv tal- ‘finishes' ,wiehed seta′ jeleva l-istat tal-fond u jzidlu l-valur tieghu.
- Barra minn hekk, skont il-Pjan Lokali tal-Hamrun li kien approvat f Awwissu 2006 u ghaldaqstant kien ' in vigore ' fl-2007, il-fond jinsab f′zona residenzjali li tigi zviluppata b’gholi ta ’tliet sulari u ‘basement ’(ara pjanta HAM3 annessa bhala DOK JG06). L-izvilupp ta‘ ’penthouse ’gie possibli bid-dhul tal-Policy DC2007 li gie fis-sahh f April 2007 u ghaldaqstant l-esponent mhux qieghed jiehu konjizzjoni ta' din is-sitwazzjoni peress li d-digriet jindika Frar 2007 bhala d-data tal-valutazzjoni.
- Jirrizulta li fi Frar 2007, 1-arja li tinsab fuq il-fond diga mibni setghet tinbena u takkomoda limitatament sular wiehed bil-potenzjal li fil-livell tal-bejt jinbnew zewg ‘washrooms' u 1-bejt jinqasam bejn iz-zewg appartamenti sottostanti.
- Tenut kont ta ’dawn il-fatturi hawn fuq imsemmija, l-esponent jistma 1-valur talfond 27, Sinai, Triq George Sciberras, Hamrun inkluz l-arja tieghu; fi Frar 2007 bhala Mija u Ghoxrin Elf Euro ( 120,000).

**<u>Valutazzjoni Novembru 2021</u>**

- Kif diga msemmi, f April 2007 gie approvat id-dokument DC2007 li fsezzjoni 10.4 ta′ ‘l-possbilita′ li tinbena ‘penthouse ’fuq kull binja li tinsab barra l-‘UCA ’u li tkun gholja tliet sulari jew aktar (ara Dok JG07).

- Bil-policy DC2015 kull binja li fil-pjan lokali tal-2006 kienet tinbena b'gholi ta' tliet sulari u 'basement', kellha l-gholi rivedut tali li l-gholi mit-triq ma jistax jeccedi 16.3m inkluz 'receded floor'.
- Dan ifisser li jekk is-saqaf tal-mezzanin jitkisser u jitbaxxa b' tali mod li s-sular ezistenti jissaqqaf fuq 2.70m (minflokk 3.29m ezistenti), l-arja ta' fuq il-fond tkun tista' takkomoda zewg sulari shah ohra u 'recededfloor' li f'dan il-kaz ikun irid jigi rtirat 3.85m mill-faccata (ara skizz Dok JG09).
- F'din ic-cirkostanza, il-fond ezistenti jigi rrangat b'soqfa godda, alterazzjonijiet necessaiji biex jinbidel ghal appartament bi tliet kmamar tas-sodda u 'finishes' kompletament godda. L-ispejjez necessaiji biex isehh dan gew mehudin in konsiderazzjoni fil-kalkolazzjoni tal-valur.
- Tenut kont ta' dawn il-fatturi hawn fuq imsemmija, l-esponent jistma l-valur tal-fond 27, Sinai, Triq George Sciberras, Hamrun inkluz l-arja tieghu; f'Novembru 2021 bhala **Tliet Mitt Elf Euro ( 300,000)**.

Illi jirrizulta li l-ebda wahda mill-partijiet ma ressqet talba ghal periti perizjuri u lanqas ma eskutew lil Perit Joseph Grech u dan skont kif anke dikjarat mill-partijiet fil-verbal tal-21 ta' Gunju 2022.[5] Ghaldaqstant il-valur tal-fond fl-eventwalita' li t-talbiet tal-atturi jigu milqugha sejjer ikun dak ta' tlett mitt elf ewro (€300,000), skont il-valur tal-2021.

Illi in kwantu ghall-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei l-Qorti tirrileva li din hija mposta mil-ligi u taghmel referenza ghall-Artikolu 521(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta 'Malta li jiddisponi illi:

---

[5] a fol. 41 tal-process

‘(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.’.

Ukoll huwa logiku li biex jigi akkwistat l-ahjar prezz fl-interess ta ’ kullhadd dan certament jizdied jekk ikun hemm l-oblaturi estranei. Ghaldaqstant in ottemperanza mal-Ligi u fl-interess tas-sidien kollha l-Qorti ser tordna l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei fil-bejgh bil-licitazzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament u tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond bin-numru tnejn u disgħin (92) bl-isem Sinai fi Triq Joe Sciberras ġia Triq Mountbatten il-Ħamrun bil-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, b’dana li ai fini tal-bejgh il-valur shih tal-immobbli ghandu jkun dak ta’ tlett mitt elf ewro (€300,000) u dan kif gie stabbilit il-valur fis-suq mill-Perit Tekniku Joseph Grech nominat mill-Qorti.

3. Tiqla' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li r-rikavat mill-bejgh tal-istess proprjeta jigi diviz bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi taghhom, kif indikat f’din id-decizjoni.

Stante li din il-Qorti mihiex konvinta li l-fond ma nbieghx unikament ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat, l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-partijiet skont il-kwoti rispettivi taghhom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2025**